*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 33*

***8 ta' Novembru 2017***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *33.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

33.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri tal-apoloġiji.

## *33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

33.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

33.3.1 Ma kien hemm xejn.

## *33.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

33.4.1 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer staqsa jekk fl-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill fejn hemm is-sezzjoni 'Komunikazzjoni mis-Sindku' jkun hemm sezzjoni oħra bit-titlu ta' 'Komunikazzjoni mill-Kunsilliera' biex din tkun tinkludi dawk l-affarijiet li l-Kunsilliera jixtiequ jgħidu lill-Kunsill waqt is-seduta. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill jista jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex naraw jekk dan jistgħax isir peress li l-format tal-Aġenda ħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'Ċirkolari 36/2016.

Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi daħal għas-seduta fis-6.05pm.

## *33.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

33.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-

approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## 33.6 *Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

33.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ġie mgħarraf mis-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa li numru ta' Marsin qed javviċinaw l-għaqda u jistaqsu x'ser isir sabiex is-Sur Anton Cassar jibqa mfakkar bħala ikona tal-Marsa. Huma qed jitolbu sabiex issir laqgħa mall-Membri tal-Kunsill. B'hekk ġie miftieħem li ser ikunu mistiedna fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss fl-20 ta' Diċembru fis-7.00pm. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt l-vot favur kien unanimu.

## *33.7 Tiswija ta' parti mill-Bankina ta' Triq Azzopardi*

33.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Membri tal-Kunsill dwar xogħol li hemm bżonn isir fuq parti mill-bankina ta' Triq Azzopardi minħabba l-ħsara li din għandha. Ir-ritratti ta' din il-bankina kienu ntbgħatu b'email lill-Kunsilliera kollha. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *33.8 Bdil ta' Street Lighting għal LED*

33.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li hemm bżonn li l-Kunsill jibda jibdel parti mill-bozzoz għal dawk LED. Il-Kunsill jista' jibda jbiddel dwak il-bozzoz fi Pjazza G.F Abela, u wara jkompli ma toroq oħra fil-lokal. Is-Sindku qal ukoll li peres li dawn il-bozzoz huma ferm aktar għoljin mill-komuni l-bidla għall-LED ma tistgħax issir b'daqqa. Madanakollu, l-Kunsilliera ma kienux tal-fehma li jkun hemm ħafna bozzoz ta' kulur differenti, għalhekk meta jkun hemm bidla tal-bozzoz fi Pjazza jinbidlu mqar dawk il-bozzoz fil-viċinanzi. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *33.9 Attivitajiet għal Jum il-Marsa*

33.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega l-ħsibijiet tiegħu għal Jum il-Marsa li ser jaħbat fl-17 ta' Jannar li ġej. Il-qofol ta' dan il-Jum huwa li jkun hemm l-involviment tal-iskola Primarja tal-lokal fejn it-tfal iħawlu s-siġar. Apparti hekk ser issir il-prezentazzjoni ta' kompetizzjoni tat-tappijiet u jingħataw l-unur ta' Ġieħ il-Marsa kif ġie miftiehem fis-seduti ta' qabel.

33.9.2 Is-Sindku qal li huwa importanti li jkunu involuti l-għaqdiet tal-lokal fejn ikunu mistiedna permezz ta' ittra sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet ta' tindif fil-komunita'. Ir-residenti ser ikunu mistiedna jattendu permezz ta' flyer. Għal dan il-għan tkun ideja tajba wkoll li l-Ministru tal-Ambjent ikun mistieden sabiex jpparteċipa f'dawn l-attivitajiet. Filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda, kien hemm vot unanimu sabiex din l-attivita' ssir kif spjegata.

## *33.10 European Youth Event 2018*

33.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill rċieva stedina għall-parteċipazzjoni għall-European Youth Event 2018, li hija miftuħa għall-dawk il-Kunsilliera li huma taħt il-35 sena. Permezz ta' email il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit wera interess li jipparteċipa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *33.11 Bdil ta' Safety Surfacing tal-Bandli ta' fuq*

33.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Membri tal-Kunsill sabiex japprovaw li jinbidlu s-safety surfacing tal-bandli ta' fuq. Dawn m'hemmx għalfejn jinbidlu kollha imma jinbidlu dawk il-partijiet li huma ħżiena kif kien indikat fir-ritratt li ntbgħatu gimgħa ilu. Il-prezz ta kull metru kwadru huwa ta' €59.95 u l-Kunsill ser ikollhu bżonn ibiddel madwar 20 metru. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *33.12 Bidu ta' diskussjoni fuq Liġi Lokali għal postijiet vojta u spazji miftuħa*

33.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono xtaq jressaq għad-diskussjoni ħsieb li għandhu dwar liġi lokali għal postijiet vojta u spazji miftuħa. Is-Sindku spjega li jixtieq jara jekk il-liġi ma tippermettix li kull plot ikun irregistrat mall-Kunsill Lokali, b'hekk f'każ li jkun hemm sid ta' plot li ħallieħ abbandunat u żdingat jew plot li ma tlestiex, il-Kunsill jista' jieħu passi bil-liġi biex is-sid tal-post iżommu nadif. Dan għandhu jkun ta' deterrent sabiex il-lokalita' tibqa nadifa u ma jiżdiedx il-ħmieġ fil-lokalita' minħabba dan it-tip ta' żdingar. B'hekk il-Kunsill ser ikun qed jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikollu ideja jekk din tistgħax issir. Hawnhekk il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li tkun ideja tajba li nitolbu ukoll gwida mill-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali jekk Kunsill ikunx eżentat mid-Data Protection Act. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *33.13 Żieda ta' dawl ġdid fil-Ġnien*

33.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm bżonn li jiżdied id-dawl fil-ġonna ta' ħdejn il-Kunsill, dan jista' jseħħ billi jiżdied id-dawl mhux biss billi jinxtegħlu l-kuruturi imma anke dawl għall-fuq is-siġar bil-għan li jitnaqqsu l-abbużi f'dawn l-akwati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħaq li d-dawl għandu jkun għall-ġonna kollha u dan għandhu jinkludi Triq Feliċjan Bilocca. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ser jitlob il-kuntrattur sabiex jara x'jista' jsir f'dan ir-rigward. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *33.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

33.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Diċembru 2017 fil-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 20 ta' Diċembru 2017